# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 90**

**Citaz. numru: 2379/96 M1 NA**

**Joseph u Rose mizzewgin Farrugia**

**vs**

**Carmel u Irene mizzewgin Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-16 ta' Lulju 1996 fejn ippremettew:

"Illi l-istanti jippossiedu l-fond "Madonnina", Triq il-Ghajn, Swieqi, adjacenti ghall-fond tal-konvenuti "Mater Dei", Triq il-Hemel, Swieqi;

Illi l-konvenuti klandestinament u vjolentement kissru gol-hajt ta' l-istanti u qalghu, kissru jew xort'ohra imblokkaw il-*waste pipe* tas-sink u tal-*washing machine* ta' l-istanti li minnu l-ilma tal-hasil imur fid-drenagg;

Illi minhabba dak l-ostakolu l-istanti ma jistghux ikomplu juzaw il-*washing machine* u s-sink li l-ilma taghhom imur f'dak il-*waste pipe*;

Illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll privileggjat u recenti, u qed jikkawza dannu lill-istanti;

TALBU li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll privileggjat u recenti b'dannu ta' l-istanti;

2. tikkundanna lill-konvenuti biex jaghmlu x-xoghol necessarju biex l-istanti jigu ripristinati fil-pussess taghhom fuq imsemmi, u dan f'terminu qasir u perentorju li jigi ffissat u taht id-direzzjoni ta' Perit Tekniku li jigi ghaldaqshekk nominat;

3. tawtorizza lill-istanti li fin-nuqqas jaghmlu huma l-istess xoghol taht id-direzzjoni ta' l-istess Perit Tekniku u ghas-spejjez tal-konvenuti; b'riserva ta' kull azzjoni ohra; bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tallum, kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-6 ta' Settembru 1996 fejn eccepew illi:

1. "Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kkommettew ebda spoll, kif qed jigi allegat. Ix-xogholijiet li saru kienu in konsegwenza ta' decizjoni tal-Qorti;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnhom esebiti.

Rat u ezaminat il-provi kollha li tressqu f'din il-kawza sew dawk dokumentarji, sew ix-xhieda b'affidavits tal-partijiet u *viva voce* quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea li kienet giet nominata mill-Qorti b'dan l-iskop fis-seduta tas-17 ta' Settembru 1996.

Rat id-diversi rikorsi li saru f'dawn l-atti w id-digrieti taghha li bihom dawn ir-rikorsi gew decizi.

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn jiswa li jsiru xi osservazzjonijiet ta' natura generali li ghandhom pero' japplikaw ukoll ghal din il-kawza stante n-natura stess ta' l-azzjoni li qed tigi proposta - l-*actio spolii*.  Fl-ewwel lok l-iskop ewlieni ta' azzjoni ta' din in-natura hija wahda ta' protezzjoni ghall-istat civili.  L-azzjoni hija intiza biex tipprojbixxi bl-aktar mod assolut ir-*ragion fattasi* li fih innifsu jwassal ghad-dizordni civili.

> "*Illi gie ritenut fil-gurisprudenza taghna illi din l-azzjoni hija azzjoni ta' ordni pubbliku u li, ghalhekk, mhuwiex permess indagini oltre dak ta' l-ispoljament tal-pussess u dana qabel ma ssir ir-reintegrazzjoni u dana a bazi ta'*

> *dak li hemm ikkontemplat fl-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 li bhala rimedju jrid ir-reintegrazzjoni tal-haga spoljata.*
>
> *"U dan qabel ma jibdew diskussjonijiet fuq affarijiet ohra in linea mal-massima li d-dritt jipprojbixxi r-"ragion fattasi" hlief f'kazijiet ultra eccezzjonali bhal, per ezempju, fil-kaz tal-"jus retentionis". ("Horace Fenech et vs Michael Zahra" - Prim'Awla - 28/2/1997)."*
>
> ("Falzon et noe vs Rizzo et noe" - Prim'Awla - 25/01/99).

Huwa ghalhekk illi din it-tip ta' azzjoni tista' wkoll tigi proposta minn min ghandu anke s-semplici detenzjoni w ukoll kontra l-istess proprietarju tal-haga (Vol. XXX - I - 165; Vol. XIX - II - 99; Vol. XVI - II - 2143). Huwa ghalhekk illi minn ezami ta' l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili u 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili: "*Hu ghalhekk ovvju minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi li stabbilit id-detenzjoni u l-elementi ohra necessarji f'kawza ta' din in-natura l-Qorti ma ghandha taghmel ebda ezami ulterjuri qabel ma ssir ir-reintegrazzjoni kompleta ghall-istat fattwali qabel ma gie kommess l-ispoll.*" ("Attard vs Attard" - Prim'Awla - 15/10/98).

F'dan il-kaz ghalhekk huwa ferm sekondarju in vista tal-principji fuq enuncjati illi l-vertenza tal-partijiet fil-meritu (kif ukoll vertenzi ohra ezistenti bejniethom) gia giet deciza minn din l-istess Qorti kif presjeduta fil-kawza "Borg vs Armeni et" (l-1 ta' Frar, 2001 - Citazz. Nru. 1035/94NA). Fit-tieni lok huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi f'kawza civili ta' din in-natura m'hemmx bzonn l-intenzjoni li xi hadd jispolja - l-*animus spoliandi* - u dana proprju in vista tan-natura socjali ta' din l-azzjoni intenta biss ghal priserva tal-buon ordni. Ghalhekk hija wkoll ta' rilevanza margnali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Kriminali fejn il-konvenut prezenti gie liberat mill-akkuza ta' *ragion fattasi* li giet proposta kontra tieghu fil-kamp kriminali fejn l-elementi intenzjonali huwa kostitwent tar-reat (almenu fid-delitti minkejja illi anke fil-kontravvenzjonijiet hija rikjesta l-volontarjeta') u dan apparti mill-punt kardinali l-iehor ta' dritt tas-separazzjoni taz-zewg processi - dak civili u dak kriminali - u dan in vista wkoll tal-grad tal-prova differenti rikjesta fiz-zewg proceduri.

Dawn il-konsiderazzjonijiet pero' jwasslu lill-Qorti ghal zewg konsiderazzjonijiet ohra li huma, invece, ta' importanza primarja f'din il-kawza. Ta' l-ewwel hija s-sentenza tal-Qorti

tal-Magistrati fejn il-konvenut f'din il-kawza (allura imputat), kien gie kkundannat jesegwixxi xi xogholijiet fid-*drains* komuni ma' l-atturi wara li gie mressaq il-Qorti mid-Dipartiment tas-Sanita'. Huwa ovvju illi jekk dak li ghamel il-konvenut ghamlu mhux biex jiehu l-ligi f'idejh izda semplicement biex jobdi ordni ta' Qorti ohra huwa segwa dak dettat mir-raguni socjali u mhux mar kontra tieghu. It-tieni osservazzjoni hija li minkejja n-natura partikolari ta' l-azzjoni odjerna dejjem japplika l-principju li min jallega jrid jipprova nonostante illi fil-kamp civili huwa sufficjenti li din il-prova tkun wahda li tistrieh biss fuq il-probabbli. Dawn l-elementi sejrin jigu ezaminati mill-Qorti b'riferenza partikolari ghal dan il-kaz prezenti.

Ikkunsidrat:-

Illi l-parti rilevanti tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Lulju 1996 hekk tghid:

"*In oltre l-Qorti tordna lill-akkuzat li jigi konformi mal-Ligi fi zmien xahar millum taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kull jum fin-nuqqas jew inkella a bazi ta' l-Artikolu 104 (1) u fl-istess perjodu ta' xahar u taht l-istess penali msemmija fin-nuqqas jiddividi l-istess "common drains" a bazi ta' l-Artikolu*

*citat.*"; fil-waqt illi l-Artikolu 104 (1) tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "***104 (1)*** *Is-sid ta' dar li minnha l-materjal illi jmur fil-loki, jew f'sink, jew f'kanali ohra ta' ilma mahmug, jibqa' sejjer fid-drenagg pubbliku jew fil-fossa minn gewwa kanali maghmulin jew imqeghdin taht dar ohra; ghandu, meta fil-fehma ta' l-awtorita' sanitarja hija haga li tista' ssir, jehles lil din id-dar minn dan is-servitu' billi jaghmel kanali ohra li jiehdu l-materjal mahmug direttament f'dak id-drenagg jew fossa; u meta d-djar ma jkunux ta' sid wiehed, l-ispiza totali ghandha titqassam bejn is-sidien tad-djar f'ishma li, f'kull kaz, jigu stabbiliti mill-Qorti.*"

Il-Perit Rene' Buttigieg li kien il-Perit Tekniku imqabbad mill-Qorti fil-kawza l-ohra civili fuq il-meritu proprju tal-kontestazzjoni, kawza fuq citata, xehed ukoll darbtejn f'din il-kawza quddiem l-Assistenta Gudizzjarja. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1997 ighid illi x-xoghol da parti tal-konvenuti la sar quddiemu u anqas fuq ordni tieghu. Izid ighid: "*Imbaghad mort ghand il-konvenuti. It-toqba kienet miftuha w id-drain kien mghotti bis-siment. Jidhirli li kien gie nstallat drain iehor, pero' ma niftakarx fejn kien ezattament. Dan inkun nista'*

*nghidu wara li nikkonsulta n-notamenti tieghi.*" Meta rega' xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar 1997 filwaqt illi jerga' jikkonferma illi ebda xoghol ma sar fil-presenza jew fuq ordni tieghu jispjega illi: "*Sussegwentement, dak il-hin stess mort fil-fond tal-konvenut u sibt illi minn naha ta' l-istess konvenut kien twahhal drain fuq barra kkonnettjat ma' dak tal-'washing machine inlet' tieghu u li t-toqda tad-drain l-antik kienet imtliet bis-cement.*"

Ghalhekk fl-istess waqt illi jikkonferma illi l-konvenuti ghamlu xi xogholijiet li setghu facilment kienu atti spoljattivi hlief ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fuq citata ma jesprimi ebda opinjoni jekk dan ix-xoghol kienx necessarju biex tigi esegwita din is-sentenza. Din id-domanda invece jwegibha, minkejja li forsi mhux direttament u b'dik ic-certezza mixtieqa, Joseph Grixti, Assistant Principal Health Inspector mad-Dipartiment tas-Sanita' li xehed estensivament fis-seduta tat-30 ta' April 1998. Fl-ezami tieghu infatti jghid: "*Nghid illi b'konsegwenza tas-sentenza moghtija mill-Magistrat, is-Sur Borg kien fetah il-kantuniera minn fejn kien hemm leakage ta' ilma u fit-12 ta' Lulju 1996 konnha prezenti jiena w il-Perit Rene' Buttigieg fuq il-post biex naraw fejn kien hemm il-hsara. Rajna illi kien hemm pipe miksur.*" Fil-kontro-ezami nonostante li jghid illi

minflok li saret tiswija billi:  "*tinbidel il-pipe jew jitwahhal bil-kolla d-drain kien gie maqtugh*" aktar tard isostni:  "*Kont ipprecizajt dakinhar illi minhabba sentenza moghtija mill-Magistrat Apap Bologna fejn kien ordna li ssir separazzjoni tad-drain, is-sinjur kien issepara d-drain tieghu u ghaldaqstant huma setghu jaghmlu d-drain ghalihom kif kien gie ordnat billi ghamlu zewg pajpijiet.  L-ordni li giet moghtija mill-Magistrat kienet li ssir separazzjoni mis-sink sal-gully u ma kinitx tirrigwarda d-drains kollha.  Dan minhabba li l-hsara kienet sa fuq il-gully.*"  Din il-parti tax-xhieda trid tinqara ma' dak li xehed l-istess xhud aktar tard fil-kontro-ezami tieghu:  "*Il-pipe illi ghamel is-sinjur Borg tibda mis-sink u tasal sal-gully u mill-gully sad-dranagg baqa' komuni.*"

Minn din ix-xhieda moghtija l-Qorti minkejja illi jirrizultalha illi saru xi xogholijiet mill-konvenut ma jirrizultalhiex illi dawn ix-xogholijiet marru oltre minn dak rikjest a bazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ordnathom.  Fin-nuqqas ta' din il-prova anzi f'nofs dan id-dubbju serju l-Qorti jidhrilha illi t-talbiet attrici ma gewx sufficjentement ippruvati anke fil-kamp civili u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet qeghdin jigu michuda.

Fir-rigward ta' l-ispejjes tal-kawza l-Qorti jidhrilha illi sew minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, sew in vista tal-punti ta' dritt involuti l-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.